MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Rikors Numru. 46/2010

**Antoine Schembri (karta tal-identita' bin-nurmu 630843M), Lucy Portanier (karta tal-identita' bin-numru 496633M), Louise Vassallo (karta tal-identita' bin-numru 136436M)**

**vs**

**Joseph Ebejer (karta tal-identita' bin-numru 394950M)**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid:

1. Illi permezz ta' skrittura privata datata t-tmienja (8) t'Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Dokument "A") ir-rikorrenti ta lill-intimat b'titolu ta' kera l-fond numru wiehed u disghin (91) u li qieghed fi Triq il-Palma, Paola, u dana ghal zmien sentejn b'effett mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008), bil-kera ta' mija u tletin

euro (€130) kull xahar li kellha tithallas kull tlett xhur bil-quddiem, u bil-patt li l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma kif ukoll tal-meters jithallsu mill-intimat;

2. Illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas il-kera tal-iskadenzi tal-1 ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u tal-1 ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) l-intimat baqa' ghal kollox inadempjenti, liema kera tammonta b'mod komplessiv ghas-somma ta' seba' mija u tmenin euro (€780);

3. Illi ghalkemm miltub a tenur tal-klawsola numru sitta (6) tal-iskrittura (Dok A) ukoll sabiex jhallas l-kontijiet ta' dawl u ilma pendenti rigwardanti l-imsemmi fond fl-ammont komplessiv ta' seba' mija u wiehed u erbghin euro u sitta u sebghin centezmu (€741.76) l-intimat baqa' wkoll ghal kollox inadempjenti (Dokument "B");

Ghaldaqstant jghid l-intimat ghaliex m'ghandux dan il-Bord, bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-artikolu 167 at seq tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta):

1. Jikkundanna lill-intimat jizgombra fi zmien qasir u perentorju li joghgobha timponi dina l-Onorabbli Qorti l-ewwel Qorti mill-fond numru wiehed u disghin (91) u li qieghed fi Triq il-Palma, Paola, billi l-istess intimat baqa' moruz fil-hlas tal-kera kif ukoll naqas li jhallas il-kontijiet ta' dawl u ilma u b'hekk m'onorax l-obbligi tieghu fil-konfront tar-rikorrenti; u

2. Jikkundanna lill-intimat sabiex jhallas lir-rikorrenti is-somma komplessiva ta' elf, hames mija u wiehed u ghoxrin euro u sitta u sebghin centezmu (€1,521.76), kwantu ghas-somma ta' seba' mija u tmenin euro (€780) rapprezentatni arretrati ta' kera dovuti sal-lum fir-rigward tal-fond mikri lill-intimat li ghandu n-numru wiehed u disghin (91) u li qieghed fi Triq il-Palma, Paola u kwantu ghas-somma ta' seba' mija u wiehed u erbghin euro u sitta u sebghin centezmu (€741.76) rapprezentanti l-konsum ta' dawl u ilma fl-istess fond u l-kera tal-meters

relattivi dovuti sal-lum fir-rigward tal-istess fond, oltre l-imghaxijiet sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-20 ta' Jannar, 2010 u tat-3 ta' Frar, 2010 kontra l-intimat, minn issa ngunt in subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti, senjatament dik ta' danni.

Semgha l-provi;

Ra l-atti tar-rikors;

Ra l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2011 fejn ir-rikorrenti iddikjara l-intimat ikkonsenjalu c-cwievet tal-fond mertu tal-kawza;

Ra ukoll in-nota tar-riorrenti li permezz taghha ceda t-talba tieghu ghar-ripreza tal-fond stante li huwa gia inghata l-pussess tieghu mill-intimat;

Ikkonsidra illi din il-kawza kienet necessitata mill-inadempjenza tal-intimat li jirregola ruhu kwantu l-arretrati tal-kera annwali gravanti l-fond mertu tal-kawza kif ukoll dwar ir-rifuzzjoni tal-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti qua konsum ta' dawl u ilma. Wara li kienet intavolata l-kawza, l-intimat hallas skadenza ta' kera fl-ammont ta' Euro 390 u l-istess rikorrenti iddikjara illi b'hekk l-intimat kellu kera mhallsa sa l-ahhar ta' Jannar 2010 u irritorna c-cwievet tal-fond lir-rikorrenti;

Ghalhekk filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel premessa kwantu diretta lejn ir-ripreza tal-fond mertu jilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti kwantu ghall €390 ghall-kera dovuta mill-1 ta' Frar 2010 sal-1 ta' Mejju 2010 kif ukoll ghal €741.76 spejjez ta' dawl u ilma. U jordna lill-intimat ihallas dawn l-ammonti lir-rikorrenti bl-ispejjez ta' din il-kawza kontra l-istess intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------